



Brussell, 17 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9716/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0141(NLE)

RECH 301
FIN 451
COMPET 475
ENER 275

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9773/20
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm - <i>Adozzjoni</i>

1. Fis-16 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm¹.
2. Id-Deċiżjoni proposta għandha l-għan li tallinja l-oġettivi tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar (RFCS) ma' obbligi internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll mal-oġettivi xjentifiċi, teknoloġiċi u politiċi tal-Unjoni dwar in-newtralità klimatika sal-2050.

¹ Dok.9773/20.

3. Wara l-ħidma li saret minn Settembru 2020 fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, li rriżultat f'xi emendi għall-proposta inizjali, il-Kunsill (Kompetittività), fil-laqgħa tiegħu tas-27-28 ta' Mejju 2021, laħaq qbil politiku dwar it-test.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2021.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill, bħala punt "A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:
 - biex jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 9400/21.
 - biex jitlob li d-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-informazzjoni.
